# MONS. LWIGI VELLA

*Ta'* Mons. Anton Gauci

MONS. DUN LWIĠI VELLA, qassis Għawdxi, magħruf bħala wieħed mis-Saċerdoti Għawdxin għall-ħidma tiegħu spiritwali li matul il-ħajja tiegħu kienet ta' ġid kbir fost ħutu l-Għawdxin, kif ukoll ta' ġieħ għad-Dijoċesi t'Għawdex, kien ukoll magħruf bħala wieħed mill-kittieba bil-Malti. Barra minn kotba tal-Knisja huwa kiteb ukoll xi rakkonti li fihom huwa wera l-ħila tiegħu ta' stil narrativ mexxej mżewwaq b'episodji u deskrizzjonijiet sbieħ fuq fond ta' ambjent storiku Għawdxi ta' żmien l-Ispanjoli u l-Gvern tal-Ordni.

Mons. Dun Lwiġi Vella, twieled ir-Rabat t'Għawdex fis-17 ta' Diċembru, 1859. Ta' tnax-il sena tgħallem fl-Iskola Sekondarja tal-Gvern, imbagħad issokta l-istudji tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex li dik il-ħabta kien taħt it-tmexxija tal-Ġeżwiti. Wara li laħaq Saċerdot, baqa' is-Seminarju bħala Prefett u Surmast. Iżda x-xewqa tiegħu kienet dejjem li jaħdem għall-ġid tal-Knisja u ta' ħutu l-Għawdxin, u f'dan il-kamp baqa' msemmi għall-ħrara u xogħol spiritwali fost żgħażagħ u rġiel, kif ukoll xebbiet u nisa li nissel fihom l-akbar devozzjoni għall-moviment Ewkaristiku fil-knisja ta' Savina fejn kien waqqaf l-opra ta' l-Adorazzjoni Perpetwa u l-Eżerċitu tal-Paġġi ż-Żgħar ta' Ġesù Sagramentat, istituzzjoni li għadha sseħħ sal-lum. Fl-1887 sar Kappillan fl-Isptar Ċivili r-Rabat, Għawdex, fejn baqa' għal dwar tnax-il-sena. Wara konkors ma' bosta saċerdoti oħra, ġie maħtur Teologu tal-Knisja Katidrali t'Għawdex, u fl-1900, wara eżami ieħor quddiem Kummissjoni speċjali bi president tagħha l-Isqof Camilleri, delegat minn Ruma, ħa l-lawrja fit-Teologija. Fis-sena 1980, wara li l-Ġeżwiti telqu minn Għawdev inħatar Professur tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju t'Għawdex, fil-waqt li jissokta jaqdi l-ministeru ta' saċerdot b'dik il-ħeġġa u żelu li kienu dejjem jidhru fih, sew bħala Direttur Spiritawil tas-Sorijiet Dumnikani u Franġeskani, kemm bħala konfessur ta' bosta penitenti f'Ta' Kerċem u r-Rabat.

Waħda mill-opri kbar li biha ħalla isem sabiħ fost il-poplu tar-Rabat hija x-xogħol ta' bini fil-Knisja ċkejkna ta' Savina li kien ħattha u bnieha tista' tgħid mill-ġdid u kabbarha. Mons. Dun Lwiġi kien waqqaf ukoll perjodiku bl-isem ta' "L-Ewka-

restija—Habbar ta' Ġesù Sagramentat'', bħala organu ta' qari għad-devoti tal-''Adorazzjoni Perpetwa.''

Papa Piju XI żejnu bil-medalja ''Benemerenti'' wara li kien diġa' ħa d-dekorazzjoni ''Pro Ecclesia et Pontefice'' minn għand Papa Leone XIII. Il-Papa Piju X kien għażlu Kuġitur ta' l-Arċisqof Pietru Pace—unur u pis li fl-umiltà tiegħu baża' jaċ-ċettà. Fit-12 ta' Marzu, 1932, Mons. Vella ġie magħżul minn Ruma għad-dinjita ta' Arċidjaknu tal-Knisja Katidrali t'Għawdex.

Mons. Vella kien magħruf ukoll bħala kittieb ta' proża ek-klesjastika, kif semmejna qabel. Barra milli kien Editur tal-perjodiku ''L-Ewkarestija'' u tal-folju l-ieħor ''Id-Devot ta' Ma-rija''. Mons. Vella ħalla warajh bosta kotba: kotba fuq il-ħajja tal-Martri u fuq il-Fidi, fosthom il-Hajja ta' *San Ġorġ Martri; Il-Ġeneral Ruman; Sant'Ewfrosina, San Mammante u Abdul Għaxrif*; kotba spiritwali ta' Meditazzjoni u Adorazzjoni: *il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu*, fi tnax-il ktieb, u *Ir-Ruħ Nis-ranija Quddiem Ġesù, Sagramentat* fi tliet volumi; rakkonti storiċi fuq ġrajjiet il-gżira t'Għawdex, bħalma huma : *Fernandu Montagnès, Bernardu Depuò, Isolda, Imħabba ta' Bint il-Hakem* u *Nikol Abdul*.

Mons. Dun Lwiġi Vella miet fis-17 ta' Lulju, fl-1928 mibki mill-poplu kollu t'Għawdex.